IN-NAZZARENU L-ISWED

Kif tezisti xbiha tal-Madonna s-Sewda, hekk ukoll nsibu immagini maghrufa bhala n-Nazzarenu l-Iswed.



In-Nazzarenu l-Iswed hija statwa ta' daqs naturali ta' persuna li turi lil  Gesù Kristu b'qoxra skura u gharkupptejh igorr is-Salib, kustodita fil-Bazilika Minuri tan-Nazarenu l-Iswed fid-distrett ta' Quiapo tal-Belt ta' Manila, il-Filippini.

Din ix-xbiha kienet imnaqqxa minn skultur messikan mhux maghruf minn injam skur fis-16 il-

seklu u migjuba gewwa il-Filippini fis-sena 1606 mill-missjunarji agostinjani. Il-vapur li fuqu ix-xbiha kienet trasportata ha n-nar u ghamel hsara lil-ikona, izda in-nies tal-lokal zammew u ghozzew l-istatwa dannegjata. Jinghad li l-istatwa saret sewda minhabba n-nirien fuq il-vapur. In-nies qisu dan bhala miraklu u wrew devozzjoni kbira lejn ir-Redentur l-Iswed. Imma r-raguni vera li huwa iswed hija l-materjal li minnu hija skolpita. Huwa materjal iswed.

Turi lil Kristu fi triqtu lejn il-Kalvarju biex hemm ikun mislub. Fis-sena 1650, il-Papa Innocent X hareg bolla fejn kanonikament stabbilixxa l-Fratellanza ta' Gesu' Nazzarenu bil-ghan li tinkoraggixxi id-devozzjoni lejn Kristu Redentur. Fis-seklu 19 il-Papa Piju VII ta indulgenzi li dawk li quddiem ix-xbiha jitolbu.

Il-vara tohrog fi processjonalment fi tlett dati: id-9 ta' Jannar, festa tan-Nazzarenu l-Iswed, il-Gimgha l-Kbira u fil-31 ta' Dicembru l-ewwel jum tan-novena. Hija pero' id-9 ta' Jannar li tattira follol kbar ta' devoti bi processjoni li ddum madwar 22 siegha. Kull nhar ta' Gimgha d-devoti tan-Nazzarenu jzuruh biex juru d-devozzjoni taghhom lejh.



L-immagni hija dejjem imlibbsa b’tunika tal-bellus tqila, kulur maroon, irrakkmata b'emblemi tal-fjuri u tal-pjanti bil-hajt tad-deheb, u mirquma b'sett li

jaqbel ta' kullar u pulzieri tal-bizzilla bajda. Madwar il-qadd hemm cinturin tal-metall miksi bid-deheb imbuzzat bil-kelma "NAZARENO", filwaqt li katina tad-deheb li tispicca fi sferi hija mdawra madwar l-għonq u miżmuma fuq in-naħa tax-xellug, li tirrappreżenta l-Flagellazzjoni.

Il-vestimenti tal-immaġni jinbidlu permezz ta' ritwal imsejjah  Pabihis, li huwa ppresedut minn qassis liebes alba, kappa hamra u stola. Id-devoti jsegwu ic-ceremonja minn gewwa l-Bazilka jew minn barra fi Plaza Miranda. Ir-ritwal jinkludi kant ta' diversi innijiet, qari ta' lezzjonijiet skritturali recitazzjoni ta' talb u fl-ahhar il-barka ta' l-ilbiesi l-godda.

Bhala sinjal ta' modestja u reverenza, tittella purtiera biex tipprotegi x-xbieha mill-perspettiva pubblika, hekk kif il-Hijos ibiddel il-vestimenti taghha. La darba il-procedura tkun lesta, titwaqqa l-purtiera.

Il-hwejjeg qodma jigu mitwija u pprezentati lill-fidili li jiffurmaw kju biex ibusuhom u jmissuhom bhala sinjal ta' fidi, ghax jemmnu li dawn ghandhom propjetajiet mirakoluzi.

Din ic-ceremonja, imsejha  Pabihis issir hames darbiet fis-sena bi thejjija ghal okkazjonijiet religjuzi kbar.

Fil-prezent biex jevitaw li x-xbieha tigrilha xi hsara dawruha bil-hgieg u n-nies xorta ghadhom imissu oggetti max-xbieha biex johduhom maghhom lura d-dar halli jkollhom il-benedizzjoni tar-Redentur.

